10.3.2014

B7-0229/2014 }
B7-0230/2014 }
B7-0231/2014 }
B7-0232/2014 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
L-istrateġija tal-UE għall-Artiku

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Itenni li t-tħassib ambjentali serju relatat mal-ilmijiet tal-Artiku jirrikjedi attenzjoni speċjali li tiżgura l-protezzjoni ambjentali tal-Artiku b'rabta ma' kwalunkwe operazzjoni offshore taż-żejt u tal-gass, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' aċċidenti kbar u l-ħtieġa għal rispons effikaċi, kif previst fid-Direttiva 2013/30/UE; | 15. Itenni li t-tħassib ambjentali serju relatat mal-ilmijiet tal-Artiku jirrikjedi attenzjoni speċjali li tiżgura l-protezzjoni ambjentali tal-Artiku b'rabta ma' kwalunkwe operazzjoni offshore taż-żejt u tal-gass, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' aċċidenti kbar u l-ħtieġa għal rispons effikaċi, kif previst fid-Direttiva 2013/30/UE; ***jistieden lill-Istati Membri tal-UE u taż-ŻEE biex, huma u jivvalutaw il-kapaċità finanzjarja tal-operaturi taż-żejt u tal-gass offshore f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2013/30/UE, jivvalutaw il-kapaċità finanzjarja tal-applikanti li jkopru r-responsabilitajiet kollha li potenzjalment jirriżultaw minn attivitajiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-Artiku, inkluża r-responsabilità għal danni ambjentali sal-estent kopert mid-Direttiva dwar ir-Responsabilità Ambjentali (2004/35/KE);*** |

Or. en

10.3.2014

B7-0229/2014 }
B7-0230/2014 }
B7-0231/2014 }
B7-0232/2014 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
L-istrateġija tal-UE għall-Artiku

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-ħtieġa ta' strument vinkolanti dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis; | 18. Jenfasizza l-ħtieġa ta' strument vinkolanti dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis ***u jitlob li jiġu preskritti limitazzjonijiet fuq it-twettiq tal-operazzjonijiet taż-żejt fl-Artiku f'każ li l-kundizzjonijiet ambjentali jipprekludu rispons effikaċi għal tixrid taż-żejt***; |

Or. en

**Emenda 4**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
L-istrateġija tal-UE għall-Artiku

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jilqa' l-implimentazzjoni, mill-membri tal-Kunsill tal-Artiku, tal-Ftehim ta' Tiftix u Salvataġġ u l-Ftehim dwar Azzjoni f'Każ ta' Tixrid ta' Żejt; jiddispjaċih, madankollu, li l-ftehim ma jinkludix standards komuni vinkolanti speċifiċi; | 17. Jilqa' l-implimentazzjoni, mill-membri tal-Kunsill tal-Artiku, tal-Ftehim ta' Tiftix u Salvataġġ u l-Ftehim dwar Azzjoni f'Każ ta' Tixrid ta' Żejt; jiddispjaċih, madankollu, li l-ftehim ma jinkludix standards komuni vinkolanti speċifiċi; ***jistieden, b'mod partikolari, lill-UE tipprojbixxi l-użu u l-ġarr taż-żejt tqil tal-karburanti fossili fl-Artiku, f'konformità mar-Regolament MARPOL nru 43 tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis miż-żejt;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità